**CHAMBER OF ADVOCATES - DENTAL ASSOCIATION MALTA – KAMRA TAL-PERITI - KUNSILL NOTARILI TA' MALTA - MALTA INSTITUTE OF ACCOUNTANTS**

## L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ IL-PROFESSJONIJIET REGOLATI

Fl-1 ta' April 2020, rappreżentanti tal-Kamra ta' l-Avukati, tad-Dental Association of Malta, tal-Kamra tal-Periti, tal-Kunsill Notarili ta' Malta u tal-Malta Institute of Accountants iltaqgħu mal-Ministru Silvio Schembri u ppreżentawlu qafas ta' proposti għal Strateġija Nazzjonali dwar miżuri ekonomiċi għall-kunsiderazzjoni tal-Gvern sabiex jilqa' għad-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali severi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19. Dawn il-proposti japplikaw għas-setturi kollha u għandhom l-għan li jassiguraw l-għajnuna tal-Gvern b'mod ekwitabbli, u huma mmotivati mit-twemmin li l-professjonijiet jiffurmaw parti integrali mill-komunita' li fiha ngħixu u nipprattikaw, u li għalhekk għandna dmir li nagħtu l-kontribut tagħna sabiex tinstab soluzzjoni bbilanċjata għall-problemi ekonomiċi li pajjiżna qiegħed jiffaċċja.

Il-korpi li jirrappreżentaw il-professjonijiet ħejjew ukoll sett ta' miżuri li għandhom l-għan li jassistu lill-professjonisti fil-qafas tal-iStrateġija Nazzjonali. Dawn il-proposti kienu msaħħa permezz ta' stħarriġ li sar mill-korpi rispettivi matul l-aħħar ġimgħatejn fost il-membri tagħhom li juru biċ-ċar li filwaqt li l-impatt sħiħ għad mhux magħruf, l-impatt immedjat huwa sinifikanti. Jekk is-sitwazzjoni ttul, dan ser joħloq pressjoni qawwija fuq il-professjonisti li huma self-employed sabiex ilaħħqu mal-pagamenti tagħhom, u ser joħloq ukoll pressjoni kbira fuq il-kumpanniji u ditti ta' professjonisti speċjalment minħabba r-riżorsi umani li huma jimpjegaw minħabba t-tnaqqis fix-xogħol u b'konsegwenza l-inabbilta' li jħallsu s-salarji dovuti.

Il-proposti li ġew sottomessi lill-Gvern jirrikonoxxu li hemm setturi ekonomiċi fil-pajjiż li ġew milquta b'mod qawwi, u li l-miżuri li qiegħed jaddotta l-iStat għandhom jagħtu prijorita' li dawn is-setturi; il-korpi fil-fatt jaqblu ma' din l-istrateġija tal-Gvern, iżda wissew li l-professjonijiet mhumiex immuni għal dak li qiegħed jiġri fuq livell nazzjonali.

Il-Ministru Schembri laqa' l-proposti u tenn li jaqbel magħhom fil-prinċipju. Hu mistenni li d-diskussjonijiet jitkomlu fil-ġimgħat li ġejjin.